

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-irregolarità tal-proċedura amministrattiva li ppreċediet l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet kontenzjużi, inkluż quddiem il-Kumitat Mediku, li permezz tagħhom it-talba għar-rikonoxximent li l-marda tar-rikorrent hija kkaġunata mix-xogħol ġiet miċħuda u ċerti spejjeż u onorarji tal-membri tal-Kumitat Mediku ġew attribwiti lilha.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-iżball manifest ta' evalwazzjoni mwettaq minn tabib fir-rapporti tiegħu.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq motivazzjoni insuffiċjenti tad-deċiżjonijiet ikkontestati.

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Jannar 2018 – Franza vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-26/18)

(2018/C 112/45)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: F. Alabrune, D. Colas, A.-L. Desjonquères u S. Horrenberger, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla parzjalment id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2017)7263 finali tat-8 ta' Novembru 2017 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq li ġarrbu l-Istati Membri fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (l-FAEG) u fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (l-FAEŻR), innotifikata lill-Gvern Franċiż fid-9 ta' Novembru 2017, inkwantu:
 - tinkludi korrezzjoni ta' EUR 2 246 700 minħabba t-teħid inkunsiderazzjoni tal-partikolaritajiet topografiċi fil-kuntest tal-KAAT allegatament mhux konformi, f'dak li jikkonċerna id-"Defiċjenzi fis-sistema ta' identifikazzjoni għall-ħbula agrikoli (LPIS)" għas-snin tat-talba 2013 u 2014;
 - tinkludi korrezzjoni f'somma f'daqqa dwar l-artijiet kollha li jinkludu tal-inqas żona kkwalifikata bħala "landes et parcours" u mhux biss fuq iż-żoni kkwalifikati bħala "żoni ineliġibbli (landes et parcours)" għas-snin tat-talba 2013 u 2014;
 - f'dak li jikkonċerna l-"[Iż]ball l-Aktar Probabbli FAEŻR SIAK – 2014-2020" fil-kuntest tal-investigazzjoni CEB/2016/047, u
 - tapplika korrezzjoni f'somma f'daqqa ta' 100 % għad-dipartimenti ta' Haute-Corse għas-snin tat-talba 2013-2014, f'dak li jikkonċerna is-"Sistema ta' kontroll deficijenti ħafna, Korsika";
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 6(1) u l-Anness III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa.

Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni wettqet tali ksur billi kkunsidrat, minn naħa, li elementi bħall-spuntar ta' blat, għadajjar jew boskijiet żgħar, previsti mil-leġiżlazzjoni Franċiża ma humiex kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin (KAAT) u, min-naħa l-oħra, li dawn id-dispożizzjonijiet jimponu l-protezzjoni individwali ta' kull element tal-pajsaġġ u, konsegwentement, li dawn l-elementi ma setgħux jiġu inklużi fis-superfiċi totali tal-artijiet agrikoli.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tikkunsidra li, għalkemm il-kawża tikkonċerna biss iż-żoni kkwalfikati bħala "landes et parcours", il-Kummissjoni adottat korrezzjoni bbażata fuq l-artijiet tal-fajl kollha billi inkludiet tali żoni, inkluż għalhekk fuq il-parti minn dawn l-artijiet li ma humiex tali żoni, u fi kwalunkwe każ injorat iċ-ċifri mibgħuta mill-awtoritajiet Franċiżi.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq l-argument li l-Kummissjoni bbażat ruħha fuq data li kkunsidrat bi ksur tal-Artikolu 6(1) u tal-Anness III tar-Regolament Nru 73/2009 iċċitat iktar 'il fuq, sabiex tagħmel korrezzjoni finanzjarja ta' EUR 13 127 243,30 f'dak li jikkonċerna l-perijodu ta' programmazzjoni 2014-2020 tal-FEAŻR (ir-"RZR 3").
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità u fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni f'dak li jikkonċerna s-"Sistema ta' kontroll deficiente ħafna, Korsika" għas-snin tat-talba 2013 u 2014 fid-deċiżjoni kkontestata, sa fejn il-Kummissjoni tapplika korrezzjoni f'somma f'daqqa ta' 100 % għad-dipartiment ta' Haute-Corse.

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Jannar 2018 – Planet vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-29/18)

(2018/C 112/46)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: Planet (Ateni, il-Greċja) (rappreżentant: V. Christianos, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni ta' każda tal-Kummissjoni li permezz tagħha din każdet taċitament it-talba tar-rikorrent sabiex ikollha aċċess għad-dokumenti tas-sejħa għal offerti li tirrigwarda l-proġett EuropeAid/137681/IH/SER/ROC/4; u
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kollha tar-rikorrenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Permezz ta' dan ir-rikors, Planet titlob l-annullament tad-deċiżjoni taċita tal-Kummissjoni, li permezz tagħha din każdet it-talba ta' Planet sabiex ikollha aċċess, bis-saħħa tar-Regolament Nru 1049/2001, għad-dokumenti li jirrigwardaw il-proċedura ta' kuntratt numru EuropeAid/137681/IH/SER/ROC/4.

Planet issostni li d-deċiżjoni ta' każda taċita tal-Kummissjoni għandha tiġi annullata, għar-raġuni li hija ma fihix motivazzjoni, li hija obligatorja fid-dritt tal-Unjoni skont l-Artikolu 296 TFUE u li tikkostitwixxi rekwiżit formali essenzjali għall-atti tal-Unjoni.

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Jannar 2018 – Izuzquiza u Semsrott vs Frontex

(Kawża T-31/18)

(2018/C 112/47)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Luisa Izuzquiza (Madrid, Spanja) u Arne Semsrott (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentanti: S. Hilbrans u R. Callsen, avukati)

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta